**Appell ippreżentat fil-25 ta' Lulju 2017 minn Ori Martin SA mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fl-1 ta' Ġunju 2017 fil-Kawża T-797/16, Ori Martin vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**

**(Kawża C-463/17 P)**

(2017/C 392/16)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Appellanti:* Ori Martin SA (rappreżentant: G. Belotti, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

— L-appellanti titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Qorti", tirriforma d-digriet ta' ċaħda mogħti mill-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-797/16 (Ori Martin spa vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea), tiddeċiedi dwar il-ksur min-naħa ta' din l-istess Qorti (Is-Sitt Awla), fil-Kawżi C-490/15 P u C-505/15 P (EU:C:2016:678), tad-dritt ta' Ori għal smigħ xieraq, skont l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") u, konsegwentement, li tikkundanna lill-Qorti għall-kumpens għad-dannu.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Ir-rikors – li ġie miċħud mill-Qorti Ġenerali permezz tad-digriet ikkontestat – kien ibbażat fuq motiv wieħed: il-ksur min-naħa tal-Qorti (Is-Sitt Awla) tal-Artikolu 47 tal-Karta, b'mod partikolari tal-ksur tad-dritt ta' ORI għal smigħ xieraq. Fil-fatt Ori qieset li dan il-prinċipju ġenerali tad-dritt jimponi li l-impriża ssanzjonata b'mod definittiv tifhem liema fatt konkret hija ġiet akkużata bih, u dan anki biex tiġi evitata r-reċidiva. Peress li dan ma sehhx fil-każ ineżami, ORI kompliet ma tkunx taf il-motiv effettiv tal-kundanna tagħha.

Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ta' ORI peress li kien manifestament infonat fid-dritt, fejn ibbażat fuq il-prinċipju li t-talba għal kumpens ma kinitx ibbażata fuq it-tul eċċessiv tal-proċedura, li kien jikkostitwixxi eventwali ksur tal-Artikolu 47 tal-Karta, iżda fuq illegalità allegata li permezz tagħha s-sentenza ġiet ivvizzjata. Il-Qorti Ġenerali ma tatx deċiżjoni dwar jekk tafx jekk il-ksur tad-dritt għal smigħ xieraq, li r-rikorrenti espliċitament ilmentat dwaru, kienx kopert mill-Artikolu 47 tal-Karta. F'dan ir-rigward, ukoll, dan l-appell jippreżenta interess li, minħabba kwistjonijiet li huma l-bażi tiegħu, imur lil hinn minn dan il-każ.

ORI tikkontesta d-digriet tal-Qorti Ġenerali sa fejn id-dritt għal smigħ xieraq, fil-forma tad-dritt sabiex isiru magħrufa l-motivi tal-kundanna tagħha, jikkostitwixxi dritt inaljenabbli tal-persuni li jkunu ġew suġġetti għal sanzjonijiet fil-qasam tal-kompetizzjoni, li n-natura sostanzjalment kriminali tagħhom hija llum irrikonoxxuta minn ġurisprudenza stabbilita. Il-prinċipju tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet mogħtija lill-individwi jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li jirriżulta minn tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni lill-Istati Membri; dan il-prinċipju ġie stabbilt fl-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u ġie adottat fl-Artikolu 47 tal-Karta.

Barra minn hekk, Ori ssostni r-rilevanza tal-kwistjoni mqajma, peress li r-responsabbiltà prevista fil-qasam tal-kompetizzjoni fl-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 1/20013 ([1]) hija ta' natura personali u l-fatt li d-dritt tal-Unjoni fil-qasam ta' kompetizzjoni ma jirrikonoxxi la r-resposnabbiltà oġġettiva u lanqqas il-*culpa in vigilando*.

Isegwi li, fid-dritt tal-Unjoni, ħadd ma jista' jiġi ssanzjonat mingħajr nuqqas u lanqas minħabba nuqqas ta' sorveljanza; ebda prinċipju ta' dritt proċedurali li jipprevedi l-inverżjoni tal-oneru tal-prova ma jippermetti li dawn it-talbiet jiġu invalidati.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).